KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: sliemalocalcouncil.com

# LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAS-SLIEMA TAD-DISA' LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 39

Id-disgħa u tlettin seduta tad-disa' leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet nhar it-Tlieta 14 ta' Diċembru 2021 fis-6pm ġo sala ġewwa The Palace Hotel

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | Anthony Chircop | Sindku |
| | Graziella Attard Previ | Viċi Sindku |
| | Anton Debono | Kunsillier |
| | Vivianne Galea Pace | Kunsillier |
| | Illona Fenech | Kunsillier |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |
| | David Soler | Kunsillier |
| | John Pillow | Kunsillier |
| | David Muscat | Kunsillier |
| | Emanuel Borg | Kunsillier |
| ASSENTI **B'APPOLOGIJA** | Wallace Vella Baldacchino | Kunsillier |
| **(Skont Ordni Permanenti 14A (3)** | Kevin Wain | Kunsillier |
| | Pierre Portelli | Kunsillier |
| **ASSENTI** | | |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Anthony Attard | Segretarju Eżekuttiv |
| | Stefania Friggieri | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

*Is-Seduta bdiet b'din l-Agenda fis-6pm:*

*39.1 Qari tal-ittri ta' apologij ;*
*39.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 37;*
*39.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;*
*39.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri ;*
*39.5 Rapporti ;*
*39.6 Performance Appraisals u Vacation Leave*
*39.7 Items Oħra ;*
*39.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapporti tal-laqgħat ta' Kumitat u jew/sotto Kumitati ;*
*39.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti ;*
*39.10 Mozzjonijiet ;*
*39.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss;*

## 39.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOGIJI

39.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ressaq ittri ta' apoloġija tal-kunsilliera W.V.Baldacchino u K.Wain, waqt illi qal illi l-kunsillier P.P.Portelli xtaq ikun preżenti online minn barra izda l-laptop tas-S.E ma kinitx disponsibbli għal din il-laqgħa.

**Qabel il-bidu tal-laqgħa s-Sindku ssospenda ftit l-agenda fejn qal illi din se tkun l-aħħar laqgħa tiegħu u hemm bzonn konferma tal-ġurnata tal-ġurament biex is-Sindku u l-Viċi Sindku jibdew l-irwol tagħhom. Kien hemm qbil unanimu biex il-ġurament isir fl-20 ta' Diċembru. Is-Segretarju Eżekuttiv avza li se jkun imsiefer u se tintbagħat emajl lil DLG sabiex tkun tista tieħu posthu d-D.S.E.**

## 39.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI 38

39.2.1 Il-Viċi Sindku staqsiet jekk se nikkontestaw il-kont tal-Perit għax-xogħolijiet tal-parking ta' fejn ġnien Margaret Mortimer, fejn is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv ikkonfermaw illi l-ħlasijiet illi saru fuq il-proġett ma kienux għas-servizz tal-Perit izda speċjes bħala parti mill-applikazzjoni. B'hekk ir-rata, skont il-ftehim, ma tistax tiġi kkontestata u rrakomanda li għandna nifthu tahdidiet biex niċċarraw il-BOQ. *Parking: Ġnien Margaret Mortimer*

39.2.2 Rigward punt 38.7.3, il-Viċi Sindku semmiet il-possibilita li jsiru xi forma ta' Clean Ups flimkien mall-istudenti barranin. Kien hemm *Attivitajiet ma' EF: studenti*

qbil.

39.2.3 Il-kunsillier A.Debono ppropona li l-Minuti jiġu approvati. Il-kunsilliera I.Fenech issekondjat il-proposta. Kien hemm qbil unanimu *Approvazzoni minuti 38*

**39.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU**

39.3.1 Is-Sindku ressaq lista ta' proġetti li bdew taħt it-tmexxija tiegħu u li għadom biex isiru: *Proġetti*

- Titjib ta' parking ġewwa triq it-Torri fejn TM kienu avzaw illi dawn għandom jiġu ssottometti biċċa, biċċa.
- Tower road ma Old College: traffic flow aħjar f'din l-area. Qal illi waqt illi hemm permess, l-IM kienu oġġezzjonaw minħabba siġar illi għandom jitneħħew, u dawn is-siġar għandom jitneħħew mill-Kunsill.

**Il-kunsillier J.Pillow daħħal fis-18:43**

- Petizzjoni biex ftit qabel il-bridge ta' Old College, isiru traffic calmers
- Traffic Management aħjar ġewwa Old College, fejn 'X-Tend'
- Il-proġett ta' Dingli street ma' Ġorġ Borg, li issa ġiet aċċettata ftit ilu u hemm applikazzjoni għal RWP.
- High str.. Wara l-problemi kollha li kien hemm, u wara l-polemika ta' Pjazza Anunzjata, issa qegħdin jiltaqaw mall-Kunsill madwar il-mejda. Hawnehekk il-Kunsill se jieħu ħsieb il-kuntratti tal-STO u HS officer.
- Viani street: intbagħtu ħafna ilmenti u mid-dehra se tiġi resurfaced dalwaqt.
- Triq Kurunell Savona: għandna tiġi resurfaced ukoll minn naħa ta' IM.
- IM qablu mall-proposta sabiex tiġi riżolta l-problema tat-tqegħid tal-ilma max-Xatt
- Il monument ta' Vincent Apap li saret f'Ottubru u fejn issa għanda ssir l-engraving.
- Gym Equipment: Hemm imwegħdin fondi mis-Secretariat tal-isport.
- MoU mall-MIDI għall-ammont ta' €233,000 bħala Planning

Gain imma din qegħda 'on hold' minħabba l-appell ta' Cambridge'. Hawnhekk irrimarka li grazzi għall-kunsillier J.Pillow xorta ħadna €78,000 għall-Playing Fields u l-bqija għandna nieħdu jekk tintrebbaħ l-problema dwar 'Cambridge'

- Issa se ngawdu wkoll minn żewġ skemi fejn se jsiru proġetti quddiem it-Teatru Salesjani, kif ukoll ġewwa Ġnien Bonello Du Puis.
- Ftit ilu sirna nafu dwar l-applikazzjoni tagħna li ġiet approvata għall-fondi minn Norway Grants, li din il-proġett għanda ssir fis-sena 2022.
- Water Sculpture: Kien hemm applikazzjoni biex il-funtana bil-bridge ta' Ġnien Independenza tiġi mibdula kompletament izda ma ħadniex il-fondi.
- Residential Parking: Fakkar dwar it-timeline ta' problemi li kien hemm mit-tneddija tal-ħsieb s'issa, izda fil-ġranet illi għaddew, TM urew interess u appoġġ sabiex isir studju kompreħensiv izda ma tkunx per se 'residential parking'.
- Tony Nicholl: Fakkar illi biddilna l-Perit u ġiet sottomessa applikazzjoni ġdida. Qal illi l-kuntrattur ilhu magħżul għal ammont ta' snin.
- Car Park ta' ġnien Mortimer: Is-Sindku qal illi avolja se jitlaq, u avolja l-ispiża hija waħda konsederevoli, saru laqgħat u jemmen illi din xorta għanda tiġi kkonsidrata b'xi mod jew ieħor.
- Villa Schinas: Kien hemm ċaqliq u hemm il-ħsieb illi r-Reġjun tkun parti mill-proġett.
- Public Conveniences: Quddiem il-pulizija qed isir. Ta' Ferro Bay approvata. Tal-Ferries kienu tilfu l-file l-Lands.
- Is-Sindku qal illi hemm persuna, l-ex Ministru Michael Refalo, li jemmen illi jistħoqlu tifkira għal dak kollu li għamel għall-ġid tal-lokalita. Talab għall-kunsiderazzjoni tal-Kunsill illi xi post tiġi msemmija warajh. Bħala ezempju ġiet imsemmija l-proġett illi għanda ssir barra t-Teatru Salesjani.
- Fl-aħħar is-Sindku qal illi jemmen illi importanti li tibqa għaddej it-Traffic Committee fejn talli laqgħat isiru kull xahrejn jew tlieta.

**Il-kunsillier D.Muscat daħal għall-ħabta ta' 19:40**

## 39.4 MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERA

39.4.1 Ma kien hemm l-ebda mistoqsija

## 39.5 RAPPORTI

39.5 Ma kien hemm l-ebda mistoqsija fuq ir-rapporti li ġew ippreżentati.

## 39.6 PERFORMANCE APPRAISALS U VACATION LEAVE

39.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv spjega kif kull wieħed u waħda mill-staff, fil-fehma tiegħu taw dak kollu possibli matul is-sena, avolja kien hemm perjodi diffiċli minħabba l-pandemija. Is-Sindku kkonferma dak illi qal is-Segretarju Eżekuttiv u rringrazzjahom kollha. Il-kunsillier A.Debono ppropona li jiġu approvati. Il-kunsillier D.Soler issekondaħ. Kien hemm qbil unanimu biex jieħdu l-full performance bonus. Performance Appraisal: l-istaff

39.6.2 Il-Performance Appraisal tas-Segretarju Eżekuttiv ukoll ġiet moqrija waqt din il-laqgħa peress illi l-perjodu li ħadem waqt din l-appraisal kienet taħt it-tmexxija tas-sur Chircop fil-kapaċita tiegħu bħala Sindku. Ressaq għall-approvazzjoin full bonus. Il-kunsillier A.Debono ppropona. Il-kunsillier D.Soler issekondaħ. Performance Appraisal: Segretarju Eżekuttiv

39.6.3 Is-Segretarju Eżekuttiv ta rendikont tal-leave li għad baqa għal kull wieħed u waħda mill-impjegati, kif ukoll tas-Segretarju Eżekuttiv. Waqt illi kien hemm ftit staff illi kellom iżjed leave milli huma intitolati għalihom biex jzommu għas-sena d-dieħla, il-liġi hija ċara u b'hekk wieħed jista jakkumula biss il-massimu. Kien hemm qbil illi l-istaff jakkumulaw il-leave skont il-liġi u ġew approvati. Akkumulazzjoni ta' leave.

## 39.7 ITEMS OĦRA

39.7.1 Il-kunsilliera I.Fenech qalet illi hemm parti mill-bankina li tiżloq ġewwa triq St. Enriku fejn il-Każin

39.7.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-kumpanija AXV għamlu zball b'Invoice u se tintbagħat Credit Note biex l-ammont tiġi mnaqqsa minn kont ieħor tagħhom.

39.7.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi hemm bzonn tiġi Minuted biex inkomplu bl-applikazzjoni għall-2 magni ta' EPOS. Kien hemm qbil.

39.7.4 Il-kunsillier P.Radmilli qal illi hemm każ li seħħ mall Promenade fejn, wara konsultazzjoni mall-avukat, jekk hemm provi li intbagħtet bil-miktub talba biex titranġa area partikolari lil IM, huma responsabbli għad-dani għall-ħsarat.

Il-kunsillier P.Radmilli kompla jgħid illi l-avukat qal illi f'dan il-każ partikolari hemm xogħol ta' patching li tista tirrekjedi azzjoni mill-Kunsill, izda l-kunsillier P.Radmilli jħoss illi hemm bzonn xogħol ta' rikostruzzjoni.

Fuq dan il-punt il-kunsillier J.Pillow ikkonferma li fil-passat kien sar xogħol fl-istess area.

Wara diskussjoni ġie deċiż illi ndaħħlu Perit li għandu jgħidilna jekk hemm bzonn patching jew rikostruzzjoni.

39.7.5 Il-kunsillier J.Pillow fakkar fuq il-footage tal-barrier ta' Bisazza.

39.7.6 Il-kunsillier A.Debono ppropona li jsiru 'life savers' f'ċerti areas fejn il-bajjiet sabiex inkunu preparati f'każ illi jkun hemm inċident ieħor simili bħal dik illi kien hemm fejn ic-Chalet.

39.7.7 Il-kunsillier A.Debono irrakomanda li nagħmlu AED ġewwa Pjazza Sant'Anna. Kien hemm qbil.

39.7.8 Il-kunsillier A.Debono irrakomanda li ssir Junction Box ġewwa triq Santa Marija k/m triq Trophimus. Kien hemm qbil suġġett għall-approvazzjoni ta' TM.

39.7.9 Il-kunsillier A.Debono irrakomanda li ssir lapida tas-Sindki. Kien hemm qbil. Is-Sindku qal illi fil-fehma tiegħu għanda ssir waħda bil-kunsilliera kollha kif ukoll ir-rebbiegħa tal-Premju Ġieħ Tas-Sliema.

Fuq din il-punt il-kunsillier P.Radmilli qal illi biex nagħmlu lapidi tar-rebbieħa kollha ta' Ġieħ Tas-Sliema se tokkupa hafna spazzju u b'hekk irrakomanda li minflok isir ktieb kull 5 jew 10 snin. Kien hemm ukoll diskussjoni jekk il-lapidi għandom isiru barra jew ġewwa l-Kunsill izda ma kien hemm l-ebda deċiżjoni unanima.

Il-kunsillier J.Pillow qal illi t-tinda li hemm barra l-Kunsill għanda ssir permanenti biex wieħed ikompli isib il-kenn la mhix vijabli li nħallsu kirja. Kien hemm qbil.

39.7.10 Il-kunsilliera, is-Segretarju Eżekuttiv, kif ukoll id-Deputata Segretarja Eżekuttiva rringrazzjaw lis-Sindku għax-xogħol illi għamel tul dawn is-snin, u tal-ħbiberija, ħidma u apprezzament li ura matul it-terminu tiegħu bħala Sindku. Is-Sindku rringrazzja lil kulħadd għall-għajnuna tagħhom u aċċetta li l-bidla se tkun diffiċli għalih.
Kien hemm qbil biex nhar il-Ġimgħa 14 ta' Jannar isir ikla.

**39.8 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORTI TAL-LAQGĦAT TA' KUMITATI/JEW SOTTO KUMITATI**

39.8.1 Il-kunsillier P.Radmilli qal illi fin-nuqqas tiegħu fil-laqgħa preċedenti, la r-rapport intbagħtet qabel il-laqgħa u kien hemm ċans biex wieħed jaqraha, xtaq illi tiġi approvata. Il-kunsillier E.Borg ppropona li tagħdi. Is-Sindku ssekondah.

**39.9 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI**

39.9.1 Il-kunsillier J.Pillow qal illi ma jaqbilx fuq il-pagamenti tal-kuntrattur li għamel il-proġetti tas-siġar ġewwa triq Bisazza. Dan għalhiex ħass illi kien hemm negliġenza fuq ix-xogħol, waqt illi ma sarux ċerti affarijiet li kellom Isiru.
Qal illi ma sarux 20 kif suppost u ma nbiddilx hamrija. Kellu wkoll jiċċekja d-drains u sapports m'hemmx. Qal illi ħa filmati tax-xogħol meta kien għaddej.
Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi meta waslu dawn l-ilmenti kien bagħat lill-kuntrattur li rrisponda bi rapport illi intbagħtet b'emajl bid-dettalji, u ritratt, tax-xogħolijiet.

39.9.2 Il-kunsillier J.Pillow qal illi dawk li saru mhumiex siġar imma 'shrubs'. Il-kunsillier P.Radmilli ma qabilx miegħu. Il-kunsillier P.Radmilli qal illi għandna naraw sa meta għandom jintbagħtu l-irċevuti biex ma nitilfux fondi.

39.9.3 Is-Sindku ppropona li jekk kien hemm xi nuqqasijiet nibagħtu bil miktub u naraw x'jista jagħmel il-kuntrattur 'in kind' lill-Kunsill.

39.9.4 Il-Viċi Sindku ppproponiet li l-iskeda tal-pagamenti tigi approvata. Il-

Kunsillier D. Muscat issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**39.10 MOZZJONI**

38.10.1 Ma kien hemm l-ebda mozzjoni li intbagħtet.

**39.11 TMIEM TAL-LAQGHA U DATA LI JMISS**

Is-seduta ntemmet fl-22:40. Seduta oħra ġiet imsejħa nhar il-Erbgħa 14 ta' Jannar 2022 fis-6pm wara l-Ġurament li għanda ssir fl-20 ta' Diċembru 2021

Minuti approvati llum

(IFFIRMATA)

**Anthony Chircop**
**Sindku**

(IFFIRMATA)

**Anthony Attard**
**Segretarju Eżekuttiv**